# il-Ħuttafa

Numru **167** Novembru – Diċembru 2021



Gurlin Sekond

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

Il-**bebuna** (annual daisy) twarrad fix-xitwa, f'xi roqgħa niedja fix-xagħri.



# Ħbieb naturalisti...

mill-editur

U waslet biex tispiċċa sena oħra. Ċaw ċaw 2021!

Meta tasal sena ġdida ħafna nies jagħmlu wegħda li jaqtgħu xi vizzju. Min jgħid ħa jirqaq, min jgħid ħa jaqta' s-sigaretti, min jgħid li ħa jistudja iktar. Dawn ngħidulhom *new year's resolutions*.

Jien qtajtha li ħa noħroġ iktar fin-natura. Mhux biss, imma ħa nitgħallem l-isem ta' 12-il pjanta ġdida. Waħda kull xahar! Imbagħad irrid naqra, nistaqsi u nitgħallem iktar fuq kull waħda. Ħalli meta noħroġ fin-natura nibda nagħrafhom. Qishom ħbieb ġodda.


Victor Falzon

U nżidhom mal-lista ta' ħbieb naturali li diġà għandi. Għasafar, insetti, fjuri, rettili, siġar, brimb, ħut. Ħbieb kull fejn inħares!

Ħaġ'oħra li rrid nagħmel hi li nħawwel 12-il siġra. Imma dawn mhux ħa nħawwilhom waħda fix-xahar għax mhux kull staġun tajjeb għat-taħwil. Tafu liema hu l-aħjar staġun biex tħawwel is-siġar? **Ix-xitwa!** Jiġifieri issa!

B'hekk sa ma tasal in-nixfa tas-sajf is-siġar żgħar ikunu laħqu ħadu ftit xita u l-għeruq tagħhom ikunu draw l-art fejn tħawlu.

Titħajru tagħmlu bħali? Fil-każ iktbuhom f'paġna 14 ħalli ma tinsewx!

Nawguralkom Milied sabiħ bla ħafna ħela, u nixtiqilkom sena ġdida mimlija saħħa u daħq u natura u tagħlim.

U issa ħa mmur infittex dik l-imgħażqa...



Victor

**Victor Falzon** L-Editur

FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Aron Tanti

## Gurlin Sekond

Whimbrel *Numenius phaeopus*

Għasfur tax-xtut ftit skars li f'pajjiżna jidher fiż-żmien tal-passa. Għandu munqaru twil u milwi 'l isfel, u jużah biex iħaffer fit-tajn ħalli jsib id-dud li jgħix hemm. Jismu **gurlin sekond** għax hemm għasfur ieħor jismu **gurlin**, li huwa ikbar mill-ħabib tagħna. U munqaru itwal sew ukoll!



Klabb Ħuttaf | Dinja Waħda | BirdLife MALTA

## In this issue...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| Ilek ma tmur sas-Salina? | 5 |
| Tisliba | 6 |
| Kulħadd għall-pranzu | 7 |
| Il-bufula sewda | 8–9 |
| Maltese seabirds | 10 |
| Colour the gull | 11 |
| Ġonna Dinja Waħda | 12 |
| Let's help birds this winter | 13 |
| New Year's Resolutions | 14 |
| Il-kamaleonti | 15 |
| Saving the Christmas trees | 16 |


## The people who wrote

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Mark Gauci, Aron Tanti, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.




## The contacts


tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Diċembru 2021
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052




David Attard

# Kuċċarun biċ-ċurkett!


David Attard

Kmieni f'Diċembru, żewġ **paletti** l-ġmiel tagħhom niżlu jistrieħu fir-riserva naturali tal-Għadira. Il-paletta hija tajra spettakolari, speċjalment b'dak il-munqar qisu kuċċarun!

Waħda miż-żewġ paletti kellha ħaġ'oħra interessanti. Ma' sieqha lkellha ċurkett abjad li bit-tromba stajna naqrawlu n-numru. Minn dak in-numru, il-BirdLife sirna nafu li dik il-paletta faqqset f'April 2017 fil-Camargue, riserva naturali kbira fin-naħa t'isfel ta' Franza!

Il-paletta (*Eurasian spoonbill*) hija għasfur tal-passa, u waqt li jpassu dawn l-għasafar jegħjew u jaqbadhom il-ġuħ. Għalhekk waqt il-vjaġġ twil tagħhom ifittxu postijiet fejn jinżlu jistrieħu u jieklu xi ħaġa.

Għalhekk ir-riservi naturali tagħna huma tant importanti għall-għasafar, allavolja żgħar.


Aron Tanti

Aron Tanti

# Niżlet tistad...

Kmieni f'Novembru fir-riserva tal-Għadira niżlet **arpa** fil-baxx fuq l-ilma. L-arpa (*osprey*) hija tip ta' ajkla li tiekol il-ħut, għalhekk bdiet iddur fuq l-għadira tgħarrex l-ilma b'għajnejha; darba anke għodsot fl-ilma u telgħet tferfer ir-rix. Imma bħalissa fir-riserva bużaqq biss hemm, li żgħir wisq biex jinteressa lil din it-tajra kbira. Għalhekk wara li straħet ftit fuq gżira żgħira fir-riserva, l-arpa taret u ġibdet lejn il-park tal-Majjistral.

U kull min kien hemm dakinhar u ra dan l-ispettaklu nduna li kien nesa jieħu n-nifs!

# Dragun ġdid!

Il-mazzarelli (*dragonflies*) huma insetti b'saħħithom, ikkuluriti u wħud minnhom kbar ukoll. Jgħixu l-iktar fejn hemm l-ilma ħelu, għalhekk f'Malta ma tantx hawn ambjent għal qalbhom wisq. Imma xorta waħda għandna lista ta' xi 20 speċi. U kull tant snin titfaċċa speċi ġdida.

L-iktar wieħed ġdid huwa l-**mazzarell tal-Magreb** (orange-winged dropwing *Trithemis kirbyi*). Lemħu l-ewwel darba seħibna Charles Gauci f'Mejju 2020, f'wied bl-ilma ħdejn l-Imselliet. B'xorti tajba Charles kellu l-kamera għal-lest u b'hekk seta jagħrfu u jiċċekkjah aħjar mir-ritratti. Tliet xhur wara reġa' ra ieħor, din id-darba f'Wied il-Qlejgħa. Prosit Charles.


Charles Gauci

Jismu hekk għax mifrux sew fl-artijiet tal-Afrika ta' Fuq, li jissejħu l-Magreb

# X’rajt fil-ġnien 4

**Desirée Falzon**
Detektiv

Desirée Falzon






**Is-susa rqiqa taċ-ċitru hija waħda mill-baħrijiet *leaf miner*.**

Victor Falzon

Kemm għamlet xita! U kemm fraħt għax tgħidx kemm għandi ħajja fil-ġnien. Dan l-aħħar skoprejt xi ħaġa ġdida wkoll: kont qed ninnota kemm tela’ tfief fil-qsari u fil-ħamrija li nħalli għall-pjanti selvaġġi. It-tfief inħobbu għax jagħmel fjuri fil-ħarifa, fix-xitwa u fir-rebbiegħa u ħafna insetti jiġġennu għall-fjuri tiegħu.

Jiena u nħares lejn it-tfief, fuq werqa nnutajt xi ħaġa badja. Ħarist iktar mill-viċin u rajt disinn abjad iserrep ma’ wiċċ il-werqa. Tgħid min qagħad jimxi żigużajg ipinġi linja bajda qisha tiżjina fuq il-werqa?

Mort għall-kamera u ħadt ritratti tal-werqa minn fuq u minn taħt biex nara aħjar fuq l-iskrin tal-kompjuter, forsi niskopri min kien l-artist. Kif kabbart ir-ritratti tan-naħa ta’ taħt tal-werqa malajr ħadt it-tweġiba: dak iż-żigużajg kien kanal irqiq minn fejn kien għadda annimal! U hemm kien l-annimal – fit-tarf taż-żigużajg. Tant kien żgħir li kien qed jgħix fil-ħxuna tal-werqa, u filwaqt li jiekol il-meraq aħdar tal-werqa, kien ħaffer mina huwa u għaddej. Dawk kienu d-‘disinji’ li rajt!

Meta fittixt dwar x’annimal seta’ kien, tgħallimt li hemm tip ta’ baħrijiet żgħar li jbidu fil-weraq. Meta l-bajd ifaqqas joħroġ ix-xagħat, jiġifieri d-dudu. Dawn jgħidulhom *leaf miners*, għax iħaffru l-mini fil-weraq. Ix-xagħat jibqa’ jgħix u jħaffer fil-werqa sakemm jikber. Meta jkun lest jagħmel fosdqa u wara ftit żmien mill-fosdqa toħroġ il-baħrija lesta!

Mur obsor dan kollu jkun qed jiġri fil-ħxuna ta’ werqa!







Desirée Falzon

# Ilek ma tmur...
# sar-riserva tas-Salina?

Aron Tanti

Is-Salina hija waħda mill-erba' riservi naturali li tieħu ħsiebhom il-BirdLife. Is-Salina hija interessanti s-sena kollha, imma fix-xitwa jkun hemm ruxxmata gawwi li jużaw is-salini biex jorqdu, jistkennu mill-maltemp, jistrieħu, jitbaħbħu fis-salini baxxi, u jgħidu kelma. U dawn biex jitkellmu... jgħajtu koċċ!

## X'qed tistenna?!


Victor Falzon

Ma tgħaddix sena li ma jitfaċċax xi **fjamingu.**


Victor Falzon

Fl-ilma baxx tas-salini jgħix numru sabiħ ta' **bużaqq**.


Aron Tanti

Il-**mielħa** twarrad fis-sajf.

Is-Salina tiftaħ nhar ta' Ħadd (10am–4pm) u mit-Tnejn sal-Ġimgħa (8am–4pm)
**Dħul bla ħlas.**






# TiSliBa
## dwar l-ambjent Malti

## Imla l-vojt b'dawn l-ismijiet ta' FAWNA u FLORA Maltin



### Weqfin:

1 Dak li ttina jinżillek għasel.

2 Jekk jaqgħalha denbha jikbrilha ieħor.

3 Dawk 'Sekondi' qishom papri b'għajnejn ħomor.

4 Jimxi la ġenba fil-baħar.

7 Waħda mill-ħwawar popolari fir-riċetti Maltin.

8 Il-BOV għen biex ma tibqax f'riskju t'estinzjoni f'Malta - tgħix f'ilma salmastru .

9 Meta jgħidu jimxi fuq ir-'rubini', mhux għal dan ikunu qed jirreferu!

10 Dawn l-għasafar bojod u suwed, jiġu Malta fix-Xitwa.

12 Jgħiduha lil nies mhux bravi - tajjeb fil-brodu.

14 Il-Buskett hemm wieħed.

### Mimdudin

5 Id-dragun itir.

6 Iġorr daru kull fejn imur.

8 Fjura bajda u żgħira daqs 'buttuna'.

11 Dak ta' Malta għandu t-tikek!

13 Min jibża' minnu jinsa li jiekol in-nemus!

15 Sonic hu wieħed blu.




TWEĠIBIET - WEQFIN - 1 NAHLA, 2 GREMXULA, 3 BLONĠUNI, 4 GROTTLU, 7 KLIN, 8 BUŻAQQ, 9 RUBIN, 10 ZIZKA, 12 ĠDUR, 14 BOSK MIMDUDIN - 5 MAZZARELL, 6 GHAKRUX, 8 BUTTUNIERA, 11 ŻRING, 13 BRIMB, 15 QANFUD

BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Kulħadd għall-pranzu...

**Fix-xitwa ħafna għasafar ma jsibux biżżejjed insetti x'jieklu. Għalhekk tkun ħaġa sabiħa li nipprovdulhom ftit ikel f'dawn il-ġranet keshin. Dan nistgħu nagħmluh billi narmawlhom *bird table* fil-ġnien, fil-bitħa, fuq il-bejt, fil-gallerija, anke fuq ħoġor ta' tieqa.**



pitirross
robin

Victor Falzon



fjamma sewda
black redstart

Victor Falzon



għasfur tal-bejt
Spanish sparrow

Desirée Falzon



bufula sewda
Sardinian warbler

Victor Falzon



Qed tqabbduni l-ġuħ, kulħadd jiffanga hawn!



kapinera
blackcap

Desirée Falzon



merill
blue rock-thrush

Joe Sultana



gamiema tal-kullar
collared dove

Ivan Coleiro



gallozz iswed
moorhen

Victor Falzon

Dal-gallozz iswed żar il-bird table li hemm fir-riserva tal-Għadira. Tantx tistennewh iżur il-bird table tagħkom!



vjolin ħadrani
wood warbler

Victor Falzon

Kif tibni bird table? Mur paġna 13

# Bufula Sewda

Sardinian Warbler *Sylvia melanocephala*



Ritratt ta' **Aron Tanti**


BirdLife
MALTA

# Maltese Seabirds

Seabirds are birds that spend their life at sea or near it. Malta is home to three protected seabird species, the Mediterranean Storm-petrel, the Yelkouan Shearwater, and Scopoli's Shearwater.

The **Mediterranean Storm-petrel** is Malta's smallest seabird. It can be found in Sicily and the Balearic Islands, however the largest estimated breeding colony, which accounts for around half the Mediterranean population, is found in Filfa.



The orange area shows the Marine Protected Areas which are important for **seabirds**

Native to the Mediterranean Basin, the **Yelkouan Shearwater's** may be found in Greece, Italy and the south-eastern cliffs of Malta, Comino and Gozo.

Their wingspan is around 85cm, and they have a slender black beak that is hooked at the tip, black upperparts, and a whitish bottom.



Mediterranean Storm-petrel | Yelkouan Shearwater

Malta is also home to **Scopoli's Shearwater,** with Gozo being host to the largest local colony**.** The shearwaters' wingspan is around 120cm and has a white underside with a dark trailing edge, and a yellowish bill. They are often seen following fishing boats for food.

At night they give off a very particular call which resembles a baby's wailing cry. Following breeding season, this species flies out into the Atlantic along West Africa. Interestingly these shearwaters tend to gather in large groups called 'rafts' close to the coast at sunset before returning to their nests in the dark.

Special Protection Areas forming part of the Natura 2000 network have been designated in Malta to ensure the survival of these protected seabirds.

For more information visit **era.org.mt**



Photo: Scopoli's Shearwater - OCEANA/Carlos Minguell © LIFE BaĦAR for N2K
Photo: Yelkouan Shearwater - Frank Dhermain
Photo: Mediterranean Storm-petrel - Joe Sultana

Scopoli's Shearwater

ERA Environment & Resources Authority

# Colour the gull

Victor Falzon



The **yellow-legged gull** is the biggest bird that nests in Malta. Many of them nest on tiny Filfla, where they feel safe from people. Young gulls have lots of brown feathers, the grown-ups are white and grey.

Send us your wildlife photos!



**Chameleon**
Photo by Emily Bonnici (9)




Ma fhimthiex, ta...

U tuba bħalek xi trid tifhem!

## ays! Club Days! Fun Days! Club D



We at Klabb Ħuttaf are all the time organising fun days with exciting activities and adventures for you and your family. So always check out our website

**www.birdlifemalta.org/events**

for news about our next awesome activity



# Ġonna Dinja Waħda

Ġnien Dinja Waħda huwa ġnien speċjali maħsub biex jiġbed in-natura lejh. Il-BirdLife ilha ħafna snin tgħin skejjel biex joħolqu dawn il-ġonna, fejn in-natura tinfirex u l-istudenti jgawdu u jitgħallmu. Nittawlu lejn uħud minnhom...



Victor Falzon

**Post:** Għar Dalam

**L-isem tal-ġnien:** Ġnien Dinja Waħda

**Area tal-ġnien:** 500m²

Dan huwa l-iktar Ġnien Dinja Waħda ġdid. Infetaħ ftit xhur ilu biss.

**Bis-saħħa ta' dan il-ġnien, il-Mużew ta' Għar Dalam mhux biss jgħallem dwar l-ambjent naturali Malti kif kien eluf ta' snin ilu, imma issa anke fuq in-natura tal-lum.**

**Mad-dawra ta' Għar Dalam qed jinħoloq ukoll park kbir: park arkeoloġiku u naturali.**

**Prosit Heritage Malta ta' dan il-proġett**




Qabel...

... u llum!

Paul Portelli

L-iljunfant nanu wieħed mill-annimali li nstab l-għadam tagħhom f'Għar Dalam

Tfal tal-iskola u l-għalliema tagħhom diġà qegħdin igawdu l-Ġnien Dinja Waħda

Paul Portelli



Il-vaska qiegħda tinħoloq . . .

Victor Falzon



. . . il-vaska lesta . . .



. . . u diġà mimlija ħajja!

Minkejja li m'ilhiex li nħolqot, il-vaska diġà mtliet bil-ħajja. Il-pjanti u l-annimali jinġibdu lejn l-ilma bħal kalamita.

Victor Falzon



biżbula kbira
greater plantain



mazzarell skarlat



Victor Falzon



Bankijiet minn materjal naturali - isbaħ minn tal-konkos!

# Let's help **birds** this winter. Let's build them a **bird table**...

Art by Victor Falzon

## You will need

1 piece of plywood about as big as this page (30cm x 20cm)

2 thin wooden strips 24cm long

2 thin wooden strips 15cm long

1 small cube of wood about 5cm, with a round hole (2.1cm wide) in the middle.



1 broomstick

Screws, nails, glue

**1. Screw the strips of wood around the edges of the plank, like this.**



This is what you'll get.



Make sure there are gaps all around the edges. That's for rainwater to run off.

Don't handle sharp tools. Get a grown-up to help you.

**2. Glue or screw in the small block to the bottom of the plank.**



Make sure it's in the middle.

**3. Push one end of the broomstick into the hole.**

If you put sticky or messy food, make sure you clean the bird table later.



You can wedge the top part of a plastic bottle halfway up the broomstick, to keep snails away from the food.

Make sure you put your bird table in a safe place. We don't want cats to jump on it and grab the birds!

**4. Stick your bird table into the ground or a bucket of sand.**

**5. Sprinkle some nice food for the birds. Biscuit crumbs, seeds, rice, bits of fruit.**

Bread is not a good idea because it swells up in their tummy



Oh thank you thank you thank you!

Go to page 7 to see what birds can visit your bird table

# FOR A MORE SUSTAINABLE CHRISTMAS!

MALTA NATIONAL AQUARIUM

Have you ever thought that Christmas and the ocean are actually related? During Xmas celebrations we produce a lot of plastic waste which can end up in the ocean! The whole production and transport of new objects also emit lots of $CO_2$ in the atmosphere, contributing to climate change. So, here are some tips to reduce your Xmas impact this year.

No more producing from virgin natural resources! When buying gifts, focus on charity shops and second-hand items. Or else just buy local or even make your own gifts, like a delicious jam in a reused glass jar!

You can also use flowers, sticks, leaves and newspaper to decorate your gifts and house! Or what about restyling some old fabrics or clothes you have at home, cutting them into nice and personalized gift wraps?







## Meet the ocean's Christmas tree!

This cute little thing might look like a tree, but it's actually an animal! Known as the Christmas tree worm, it is an invertebrate, specifically a marine worm that builds a tube in coral reefs. The worm itself is around 4 cm and hides inside the tube, and the colourful tree-like parts that we see are actually two appendages of the mouth used to trap food particles and bring them to the mouth. Oh, and the worm also uses them to breathe!

**MY SUSTAINABLE NEW YEAR'S RESOLUTIONS! IN 2022, I WILL:**

- Stop using single-use plastics

Run away from single-use plastics, of course! No balloons or disposable cutlery and cups, for instance. And you might even consider reducing plastics as part of your New Year's resolutions! Fill out the checklist here so you plan for yourself and for the planet!









# il-Kamaleonti

- **Il-kamaleonti huwa rettili, bħall-gremxul u s-sriep. L-isem xjentifiku tiegħu huwa *Chamaeleo chamaeleon*.**
- **Il-kamaleonti adattat biex jgħix fis-siġar. Idejh u saqajh qishom ganċijiet biex jiggranfa z-zkuk meta jimxi fis-siġar.**
- **Il-kamaleonti kapaċi jkebbeb denbu madwar zokk. Dan iservih ta' ħabel biex iżżomm sod meta jkun qed jixxabbat fis-siġar.**
- **Il-kamaleonti jibdel il-kulur biex jaqbel mal-ħabitat ta' madwaru. B'hekk jinħeba mill-[1]predaturi u anke mill-[2]priża tiegħu.**
- **Il-kamaleonti jista' jinbidel f'aħdar, kannella u griż, ċar jew skur. Ikun ukoll imżewwaq b'ħafna dbabar żgħar ċari jew skuri.**
- **Il-kamaleonti ma jiġrilu xejn jekk jara jew imiss xi ħaġa ħamra!**
- **Il-kamaleonti jaqbad insetti, speċjalment dubbien, ġurati, friefet u baħrijiet.**
- **Il-kamaleonti jaqbad il-priża b'ilsienu, li huwa twil ħafna, bit-tarf iwaħħal, u joħroġ sparat minn ħalqu.**
- **Fost annimali li jieklu l-kamaleonti nsibu l-ballottra u l-qattus (*cat snake*).**
- **Il-kamaleonti mara tbid il-bajd f'ħofra fir-ramel jew fil-ħamrija. Meta l-bajd ifaqqas, il-frieħ iridu jitgħallmu kollox weħidhom mingħajr l-għajnuna tal-ġenituri.**
- **Il-kamaleonti mhux [3]indiġenu. Iddaħħal Malta fis-Seklu 19 mill-Afrika ta' Fuq, u ntelaq fi ġnien privat f'San Ġiljan. Ftit ftit infirex fil-kampanja. Illum insibuh ukoll f'Għawdex u anke fuq Kemmuna.**
- **Bħar-rettili l-oħrajn kollha, il-kamaleonti huwa protett, jiġifieri kontra l-liġi li nfixkluh, noqtluh, naqbduh jew nippruvaw inrabbuh.**

[1]**predatur.** Annimal li jiekol annimali oħrajn
[2]**priża.** Annimal li jittiekel minn annimal ieħor (bl-Ingliż *prey*)
[3]**indiġenu.** Speċi li minn dejjem kienet tgħix f'dak il-post




ECOHIVE MISSIONS
SAVING THE CHRISTMAS TREES
WRITTEN BY ELENA
CHRISTMAS WAS ON THE WAY AND EVERYONE WAS BUSY DECORATING THEIR HOUSES.
WELCOME TO RILEY'S CHRISTMAS TREE GARDEN
OK, MY JOB HERE IS DONE! TIME FOR SOME HOT COCOA. GOOD NIGHT, TREES!
HAHAHA!!
ADOPT A CHRISTMAS TREE!
ADOPT A TREE? THEY GET REPLANTED LOCALLY AFTER THE HOLIDAYS?! THAT'S NONSENSE!!
ALL THAT TREES ARE GOOD FOR IS FIREWOOD TO KEEP ME WARM! I'M CANCELLING CHRISTMAS THIS YEAR!
20L OF OIL DUMPED ONTO THE SOIL SHOULD DO THE TRICK: POISON THE TREES QUICKLY AND... HEY, A FREE FIRE STARTER!
AND THIS, KIDS, IS WHY RECYCLING IS IMPORTANT! THAT WILL BE ALL FOR...
LOOK! WHAT'S THAT BEHIND THE TREES?!
WHAT HAVE YOU DONE?!
IT'S YOU AGAIN?!! STOP RIGHT THERE!
LOL! CATCH ME IF YOU CAN, BUGS! IT'S ALREADY TOO LATE FOR THE TREES!
WE'LL GO INVESTIGATE AND YOU, KIDS, GET RILEY!
WE TRUST YOU! GENERAL, WE HAVE TO GO NOW!
OH NO! MY TREES! IT WAS THE GARBAGE MONSTER, WASN'T IT?
YES! HE RAN AWAY, LIKE THE COWARD HE IS!
DON'T WORRY, RILEY! WE COULDN'T SIMPLY STAND BY SO WE GOT HELP!
AGENT MYLINA IS ON HER WAY AS WE SPEAK!
ECOHIVE live stream
AGENT MYLINA
ACTUALLY, I'M RIGHT UNDER YOUR FEET! I'LL CONTAIN THE SPILL BY DIGGING TUNNELS AROUND THE AREA!
I STOPPED THE OIL FROM SEEPING DEEPER AND REMOVED THE POLLUTED SOIL.
BUT NOW WE HAVE TO REPLACE IT WITH FRESH SOIL SO THE TREES CAN THRIVE!
DID SOMEONE CALL FOR FRESH COMPOST DELIVERY FROM ECOHIVE ORGANIC?
SOIL
COMPOST
AGENT MINDY, SO GLAD YOU CAME! ALRIGHT GUYS, GRAB A SHOVEL AND LET'S GET IT DONE!
WE GOT LUCKY THIS TIME! WE SAVED THE TREES JUST IN TIME... OH, AND ALSO, CHRISTMAS!
THAT'S RIGHT! IT'S IMPORTANT THAT HARMFUL CHEMICALS ARE DISPOSED OF PROPERLY. AND NOW LET'S FINISH UP AND GO SEE THE CHRISTMAS PANTO!
ECOHIVE recycling
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS